**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA` GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. AUDREY DEMICOLI LL.D.**

**Illum 4 t' Ottubru, 2019**

**Il-PULIZIJA**

**(Spettur Charlotte Curmi)**

**vs**

**Dylan Hill**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront ta' Dylan Hill detentur tal-karta ta' l-identita bin-numru 226093(M)

Akkuzat talli bejn il-lejl tal-1 u t-2 ta' Mejju 2018, mill-fond bl-isem 'Liliana Flats' No 7, Triq il-Bajja s-Sabiha B'Bugia kkommetta serq ta' diversi oggetti ghad-dannu ta' Viktor Milovan, u/jew persuna/I ohra, liema serq huwa aggravate bil-valur li jeccediex l-elfejn tlett mija u disgha u ghoxrin Ewro u sebgha u tletin centezmu (€2329.37), bil-lok u bil-hin

U aktar talli bejn il-lejl tal-1 u t-2 ta' Mejju, 2018, fi Triq il-Bajja s-Sabiha B'Bugia, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, cioe cctv camera, ghad-dannu tal-Bank of Valletta, liema hsara ma tiskorriex l-elfejn u hames mitt euro (€2500) izda hija iktar minn mitejn u hamsin euro (€250)

U aktar talli bejn il-lejl ta' l-1 u t-2 ta' Mejju, 2018, fi Triq il-Bajja s-Sabiha B'Bugia, volontarjament hassar, ghamel hsara, jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe hsara fuq vettura tat-tip Mercedes bin-numru tar-registrazzjoni IGY 051, ghad-dannu ta' Edwin Caruana, liema hsara ma tikosrriex l-elfejn u hames mitt euro (€2500) izda hija iktar minn mitejn u hamsin euro (€250).

Il-Qorti giet mitluba sabiex f' kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzati ghall-hlas ta' spejjez li jkollhom x' jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba li tohrog ordni ta' protezzjoni ai termini tal-artiklu 412(C) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, kemm waqt il-mori tal-kawza kif ukoll f' kaz ta' htija ma' kull piena li l-Qorti jidrilha xierqa.

Il-Qorti giet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-ligi, tapplika wkoll l-artikoli 383, 384 u 385 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta ghas-sigurta' ta' dawn il-persuni hawn fuq indikati.

Semghet l-ammissjoni ta’ l-imputat kif registrata fl-atti fis-seduta ta’ nhar l-4 t’ Ottubru, 2019 ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453 (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, u cioe’ wara li l-imputat wiegeb li huwa hati, din il-Qorti wissietu b’ mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta’ dik it-twegiba tieghu u tatu zmien xieraq sabiex jekk irid jerga’ lura minnha u kien biss wara li staqsietu t-tieni darba li l-Qorti ghaddiet sabiex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Rat il-Pre-Sentencing Report inserit a fol 56 tal-atti processwali fejn il-Probation Officer Sharlet Fabri rrakkomandat li Dylan Hill jinghata Ordni ta’ Probation skont l-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta. Gie suggerit ukoll li wahda mill-kundizzjonjiet ta’ din il-Qorti tkun li l-imputat jiehu l-ghajnuna necessarja fir-rigward tal-abbuz mid-droga, kif ukoll li f’ kaz li matul il-perjodu ta’ din l-ordni jinhass il-bzonn li Dylan Hill jigi referut ghal xi tip ta’ ghajnuna ohra, huwa ghandu jaghmel dan skont kif ikun idderigut mill-Ufficjal tal-Probation li jkun assenjat lilu. Gie suggerit ukoll li l-imputat ihallas lura l-flus lill-vittma ta’ dan il-kaz.

Semghet is-sottomissjonijiet finali maghmula mill-Prosekuzzjoni u d-Difiza in kwantu jirrigwarda l-piena.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata ta’ l-istess imputat, il-Qorti tiddikjara li m’ ghandiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu kif minnu ammessi.

Ghal finijiet ta' piena l-Qorti kkunsidrat il-fatt li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-proceduri, il-fatt li ghandu fedina penali nadifa kif ukoll ir-rakkomandazzjonijiet indikati fil-Pre Sentencing Report.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 17, 261, 267, 270 u 279 tal-Kodici Kriminali l-Qorti ssib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfronti tieghu kif minnu ammessi u b' applikazzjoni tal-Art. 7 tal-Kap. 446 tpoggieh taht Ordni ta' Probation ghall-zmien sentejn (2) millum taht il-kundizzjonijiet indikati fl-anness digriet.

Il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza tigi notifikata lid-Direttur Ghal Probation Services u Parole.

**MAGISTRAT**

**Graziella Abela**

**Deputat Registratur**